**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-27 TA' SETTEMBRU, 2023**

**Kawża Numru: 2K**

**Rik. Kost. 234/2022 RGM**

**Joseph Grech**

**v.**

**Avukat Ġenerali**

Il-Qorti

1. Ir-rikorrenti ippreżenta rikors fis-17 ta' Mejju 2022 fejn fisser li huwa għaddej minn proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti Istruttorja) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grech**, liema proċeduri bdew fis-sena 2013 u tul dawn is-snin, il-prosekuzzjoni naqset milli tikkonkludi l-provi tagħha partikularment minħabba kweżit konstanti impost fir-rinviju tal-Avukat Ġenerali sabiex jinstemgħu żewġ xhieda li f'dan l-istadju m'humiex ammissibbli stante li skont il-liġi jikkwalifikaw bħala ko-akkużati. Ir-

rikorrent fisser li dan m'huwiex ġustifikabbli aktar u aktar meta proċeduri kriminali għandhom jiġu konklużi fi żmien li huwa raġonevoli. Jinsisti li huwa m'għandu ebda ħtija tad-dewmien, iżda huwa dewmien attribwibbli lill-Avukat Ġenerali. Jippremetti li dan id-dewmien tant hu esaġerat li l-leżjoni tad-dritt li qiegħed isofri hija waħda rampanti. Għaldaqstant ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti

"1. Tiddikjara li l-esponenti sofra u għadu qed isofri ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Tordna sabiex b'mod immedjat jingħalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni fil-kumpilazjzoni "Il-Pulizija vs. Joseph Grech" pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, presjeduta mill-Maġistrat Dr. N. Galea Sciberras;

3. Tillikwida somma rappreżentanti danni morali li sofra l-esponenti b'konsegwenza ta' dina l-leżjoni tad-dritt;

4. Tordna lill-intimati jħallsu lill-esponenti d-danni hekk likwidati.

5. Tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-dritt ta' smigħ xieraq tal-esponenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fis-27 ta' Ġunju 2022 fejn ippremettiet li m'hiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u dan stante li bid-dħul fis-seħħ tal-Att XXV tal-2019, l-Avukat Ġenerali m'hijiex vestita bil-mansjoni tar-rappreżentanza residwa tal-Gvern ta' Malta

f'azzjonijiet ta' natura kostituzzjonali. Mingħajr preġudizzju ġie eċċepiet li d-dritt għal smigħ xieraq irid ikun evalwat fit-totalità tal-proċeduri u li l-fatturi li primarjament għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' proċess eċċediex il-parametri ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli huma l-kumplessita tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorità ġudizzjarja. Fissret li l-fatt waħdu li l-kumpilazzjoni inbdiet disa' snin ilu ma jfissirx li hemm dewmien inġusitfikat. L-insistenza tal-Prosekuzzjoni li jixhdu żewġ individwi li preżentement jinsabu taħt atti t'akkuża m'hijiex kappriċuża u dan stante li ai termini tal-Artikolu 91 tal-Kostituzzjoni, il-Prosekuzzjoni għandha dmir li tistitwixxi, tagħmel u twaqqaf proċeduri kriminali. B'dan ifisser li l-prosekuzzjoni għandha titmexxa b'diliġenza, b'reqqa u b'attenzjoni għall-fatt li l-prosekuzzjoni hi obbligata tipprova l-każ tagħha. Teċċepixxi li ma kien hemm ebda dewmien li huwa attribwibbli għall-Prosekuzzjoni jew għall-awtorità ġudizzjarja. Ingħad li l-każ tar-rikorrent hu ta' ċertu kumplessita u dan peress li jinvolvi numru ta' xhieda u esperti. Ġie eċċepiet ukoll li jekk huwa minnu li kien hemm dewmien, mill-atti proċesswali jidher li r-rikorrent qatt ma oġġezzjona jew ilmenta minn xi allegat preġudizzju li allegatament kien qed jikkawżalu l-allegat dewmien tal-proċeduri. Ingħad ukoll li anke jekk jinstab li kien hemm dewmien, ir-rimedju m'għandux ikun li jingħalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni peress li dak ir-rimedju jġib fix-xejn l-obbligu tal-Istat Malti li jiżgura li jitmexxew prosekuzzjonijiet u li ssir ġustizzja meta allegatament ikun sar reat.

3. Rat l-atti kollha tal-kawża.

4. Wara li semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet, il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**Provi**

5. L-**Assistent Kummissajru Dennis Theuma** fisser li huwa m'huwiex l-uffiċjal li qiegħed jieħu ħsieb il-każ mertu ta' din il-kawża (għalkemm jgħid għandu proċeduri oħra li huwa qiegħed jieħu ħsieb li huma kontra Joseph Grech). Fisser li l-ufficċjali huma l-Ispettur Malcolm Bondin, però assigura lill-Qorti li huwa f'pożizzjoni li jista' jixhed dwar il-każ mertu ta' din il-kawża. Huwa fisser li l-Prosekuzzjoni m'għalqitx il-provi stante li kien jonqos jixhdu żewġ xhieda li huma Scott Dixon u Kevin Sammut iżda għalkemm telgħu jixhdu huma għażlu li ma jixhdux peress li hemm proċeduri pendenti fil-konfront tagħhom fuq l-istess investigazzjoni li ġew imressqa separatament. Meta ġie mistoqsi min kien ħa d-deċiżjoni li l-kawżi jitmexxew separatament, ix-xhud jgħid li jkun ħadha l-Avukat Ġenerali b'konsultazzjoni mal-Pulizija. In kontro-eżami spjega li fir-reat li bih qiegħed jiġi akkużat ir-rikorrent hemm persuna ta' nazzjonalità Ingliża, u ieħor ta' nazzjonalità Serba. Meta ġie mistoqsi x'kien prospetat mill-proċeduri kriminali, ix-xhud spjega li huwa jassumi li l-kawża kontra ż-żewġ ko-akkużati li l-Prosekuzzjoni tridhom jitilgħu jixhdu fadlilha s-snin sabiex tiġi konkluża u dan peress li għadhom iridu jersqu ġuri. Ix-xhud kjarifika li huwa m'għandux informazzjoni jekk ġiex appuntat il-ġuri ta' Scott u Sammut.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

6. Permezz tal-kawża odjerna, ir-rikorrenti qiegħed jilmenta mid-dewmien fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu liema proċeduri jirrigwardaw akkużi relatati ma' traffikar ta' aktar minn nofs tunnellata raża tal-kannabis. Dawn il-proċeduri bdew fl-2013 u sal-ftuħ ta' dawn il-proċeduri, ċioe 9 snin wara, jidher li l-Prosekuzzjoni naqset milli tikkonkludi l-provi tagħha, partikularment minħabba li fir-rinviji l-Avukat Ġenerali qegħda titlob li jinstemgħu żewġ xhieda li għalissa m'humiex ammissibbli stante li huma meqjusa bħala ko-akkużati u għad għandhom il-proċeduri penali kontra tagħhom pendenti. Għalhekk, ir-rikorrent qiegħed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li d-

dewmien fil-proċeduri in kwistjoni waslu għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Jitlob ukoll li din il-Qorti tordna li jingħalqu immedjatament il-provi tal-prosekuzzjoni fil-kumpilazzjoni msemmija, li tillikwida kumpens xieraq għad-danni morali mġarrba mir-rikorrent u li tagħti dawk id-direttivi oħra li tqis xierqa u opportuni sabiex tiżgura t-twettiq tad-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrent.

7. L-Avukat tal-Istat eċċepiet in linea preliminari li hi ma hiex il-leġittimu kontradittur. In mertu eċċepiet li l-proċeduri ġudizzjarji għandhom jitqiesu fit-totalità tagħhom u mhux meta għadhom pendenti, illi l-fatt fih innifsu li l-kumpilazzjoni inkwistjoni ilha għaddejja numru ta' snin ma jfissirx li d-dewmien m'huwiex ġustifikat. Fissret li fil-każ odjern il-prosekuzzjoni qiegħda tinsisti għal xhieda ta' terzi sabiex tkun tista' tinstab il-ħtija tar-rikorrent odjern u mhux kappriċċosament. Eċċepiet li anki jekk il-Qorti ssib li d-dewmien huwa wieħed inġust, ir-rimedju m'għandux ikun li jingħalqu l-provi tal-prosekuzzjoni għaliex skont l-Avukat Ġenerali dan iġib fix-xejn l-obbligu tal-Istat Malti li jiżgura li jitmexxew prosekuzzjonijiet u li ssir ġustizzja meta allegatament ikun seħħ reat.

**L-Eċċezzjoni Preliminari: L-Avukat Ġenerali ma hiex il-leġittimu kontradittur**

8. L-Avukat Ġenerali issejjes din l-eċċezzjoni preliminari tagħha billi ssostni li bid-dħul fis-seħħ tal-Att XXV tal-2019, l-Avukat Ġenerali m'hijiex vestita bil-mansjoni tar-rappreżentanza residwa tal-Gvern ta' Malta f'azzjonijiet ta' natura kostituzzjonali.

9. Il-Qorti ma tqisx tali eċċezzjoni bħala fondata.

10. Filwaqt li l-Avukat tal-Istat għandu r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Istat Malti *inter alia* meta qiegħda tiġi attakkata liġi, li mhux il-każ fil-kawża odjerna; l-Avukat Ġenerali hija

l-Uffiċjal Prosekutur Ewlieni bis-setgħa li tibda', tmexxi u ttemm il-proċedimenti penali, u għalhekk il-Qorti tqis li hi l-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna

**11. Għalhekk qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali.**

**Il-Liġi Rilevanti**

12. L-**Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi illi: "(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi." Għaldaqstant skont dan l-artikolu, il-jedd ta' smigħ xieraq f'proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qiegħda tinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi u (ċ) liema smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli.

13. Min-naħa l-oħra l-**Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea** hu aktar wiesa'. Dan l-artiklu jiddisponi hekk:

> "(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."

14. Wieħed mill-elementi ewlenin li jissemma fiż-żewġ artikoli ċitati u li jeħtieġ jiġi analizzat meta jkun hemm proċeduri ġudizzjarji li jkunu qegħdin jikkontestaw id-dewmien ta' proċeduri ġudizzjarji oħra hija jekk dak id-dewmien kienx wieħed

raġonevoli. Il-**Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB)** kellha diversi okkażjonijiet tiddetermina x'għandu jiġi kkunsidrat bħala 'dewmien raġonevoli'. Fil-każ **Buchholz v. Germany** (Appl. Nru. 7759/77) deċiż fis-6 ta' Mejju 1981, l-QEDB rriteniet li:

"49*. The reasonableness of the length of proceedings [...] must be assessed in each case according to the particular circumstances. In respect of criminal matters, the Court has, for this purpose, had regard, inter alia, to the <u>complexity</u> of the case, and to the <u>conduct</u> of both the applicant and the competent authorities...";*

"70. *[…] the importance of what was at stake for the applicants in the litigation*" kienet ukoll miżjuda mill-QEDB fil-kawża **Gast & Popp v. Gemany** (Appl. Nru. 29357/95) deċiża fil-25 ta' Frar 2000[1].

15. Il-**Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja** ukoll irriteniet li:

*"that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 182 and the case-law cited)."*[2]

16. L-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick** fil-ktieb ***Law of the European Convention on Human Rights*** (r-raba' edizzjoni (2018)) jispjegaw li:

---

[1] Ara wkoll **Gordeyev v. Russia** (Appl nru. 40618/04) deċiża mill-QEDB fil-5 ta' Frar 2015.
[2] C-50/12P, **Kendrion NV v. European Commission** deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja fis-26 ta' Novembru 2013, para 96-97

*"The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case [Konig v Germany A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and Pedersen and Baadsgaard v Denmark 2004-XI; 42 EHRR 486 GC]. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial authorities [Konig v Germany; ibid]. The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant [Frydlender v France 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC]."*[3]

17. Tal-istess fehma huwa **William A. Schabas** fil-ktieb ***The European Convention on Human Rights: A Commentary*** (l-Ewwel edizzjoni (2017)):

*"The rationale for the [reasonable time] principle, in criminal proceedings, 'is based on the need to ensure that accused persons do not have to remain too long in a state of uncertainty as to the outcome of the criminal accusations against them' [**Kart v Turkey** [GC] no 8917/05 para 68 ECHR 2009]. Furthermore, 'the vicissitudes of criminal proceedings that remain pending for too long generally also harm the reputation of the alleged offender' [ibid, p 70]."*[4]

18. Dak li għandu jinsilet mill-ġurisprudenza u l-awturi hawn fuq kwotati hija li t-test ta' dewmien raġonevoli ma jidentifikax żmien speċifiku li fihom il-proċeduri kriminali għandhom jiġu konklużi, wisq anqas m'hemm ċirkostanza waħda partikolari li tiddetermina x'inhu raġonevoli. Iċ-ċirkostanzi kollha għandhom jittieħdu flimkien sabiex jiġi determinat jekk id-dewmien fil-proċeduri kinux raġonevoli o meno.[5] Fil-

[3] Paġni 440 - 441 tal-ktieb.
[4] Paġna 291 tal-ktieb.
[5] Ara **Francis Said vs. L-Avukat Ġenerali** (Rik Kost 30/2007) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2010.

kawża **Anton Camilleri vs. Avukat Generali** deċiża fl-1 ta' Frar, 2016 il-Qorti Kostituzzjonali kkunsidrat illi

> "Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu."[6]

19. Iż-żmien raġonevoli fi proċeduri kriminali huwa ġeneralment imkejjel mill-mument li l-persuna hija infurmata li hemm *charge* kontra tagħha, għaliex dan huwa l-mument li l-persuna għandha interess li l-akkuża tiġi determinata u konkluża.[7] Dan iż-żmien huwa imbagħad imkejjel sal-mument ("*dies ad quem*") li dik l-inċertezza kkawżata mill-proċeduri pendenti tkun ġiet konkluża u ċioe meta jkun hemm id-deċiżjoni finali jew it-terminu sabiex isir appell ikun għadda.[8]

20. Fil-każ de quo jirriżulta illi d-dewmien min-naħa tal-prosekuzzjoni sabiex tiddikjara l-provi tagħha magħluqa ġew mill-fatt li l-prosekuzzjoni qiegħda tistenna li tkun tista' tipproduċi x-xhieda ta' terzi li fil-mument kif rajna *supra* hija inammissibbli f'dan l-istadju.

21. Mill-qari tal-atti huwa kjarament evidenti li l-kwistjoni tad-dewmien hija kkawżata prinċiparjament minħabba li l-prosekuzzjoni qiegħda tistenna li jingħalqu proċeduri

---

[6] Ara wkoll **Omar Osman Omar et vs. Avukat Generali** (Rik Kost 29/2013) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Frar 2015.
[7] **Dobbertin v. France** (Appl. Nru. 13089/87) deċiża mill-QEDB fil-25 ta' Frar 1993, §38.
[8] **Angelucci v. Italja** (Appl. Nru. 12666/87) deċiża mill-QEDB fid-19 ta' Frar 1991, § 15.

kriminali kontra terzi, meqjusa fil-preżent bħala ko-akkużati, sabiex eventwalment tressaqhom jixhdu fil-proċeduri kontra r-rikorret Joseph Grech.

22. Din il-Qorti hija ben konxja li hemm ċirkostanzi fejn dewmien taħt l-artikoli suindikati jitqies bħala wieħed raġjonevoli, bħal meta jkun hemm każ komplikat jew investigazzjoni kumplessa jew kumpilazzjoni ta' ħafna xhieda.

23. L-Avukat Ġenerali fil-każ odjern tinsisti li l-kawża hija kumplikata però naqset milli tressaq xi prova jew turi b'mod sodisfaċenti li d-dewmien sabiex jitressqu l-aħħar żewġ xhieda hija kawża ta' din il-kumplessita. Pjuttost jista' jingħad li l-Avukat Ġenerali ma tikkontestax li d-dewmien qiegħed jiġi kkawżat proprju għaliex hemm proċeduri kriminali li għadhom għaddejjin kontra terzi u li għalhekk ma humiex ammissibbli bħala xhieda fil-każ kontra r-rikorrent.

24. Il-prosekuzzjoni ssostni li x-xhieda ta' Dixon Scott u Kevin Sammut hija kruċjali għall-każ kontra Joseph Grech. Dan jista' jkun minnu, u jidher li hekk hu. Però fl-istess ħin huwa daqstant ieħor minnu li l-leżjoni tad-dritt fundamentali ta' Grech għal smigħ tal-każ tiegħu fi żmien raġonevoli ma tisfumax fix-xejn minħabba l-importanza tal-imsemmija xhieda. Aktar u aktar meta intwera mod ċar mix-xhieda tal-Assistent Kummissarju Denis Theuma li l-proċeduri kontra Grech ser idumu staġnati is-snin minħabba li l-proċeduri kontra t-terzi imsemmija jaf jieħdu s-snin:

> "Qorti: Kemm tikkalkulha illi jehtiegu biex jinghalqu?
>
> Xhud: Sur Imhallef, guri jista', ...jekk, skont meta jigi appuntat, skont jekk ma jkunx hemm ammissjoni, biss ma nahsibxli jien nista' nghidlek li gimghat. Igifieri jien qed nsammu li snin. Biss, ma tantx jiena f'pozizzjoni li nwiegeb."[9]

[9] Fol 21 tal-proċess.

Ma' dan kollu l-Qorti żżid li Kevin Sammut fil-proċeduri kontrih ressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilta tal-istqarrija minnu rilaxxata u wara li dik ġiet deċiża tqajmu eċċezzjonijiet preliminari ulterjuri li ġew riċentament deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali u ċioe proprju fil-25 ta' Mejju 2023.

25. Il-Qorti tifhem u tapprezza d-diffikultà li qiegħda tirriskontra l-Avukat Ġenerali fir-rigward. L-insistenza tagħha sabiex jixhdu Kevin Sammut u Dixon Scott fil-każ kontra Joseph Grech la hi kapriċċuża u lanqas fiergħa imma bbażata fuq il-konvinzjoni tagħha, kif tirriżulta mill-atti, illi fl-eventwalità li Sammut u Dixon ma jilħqux jixhdu f'dawk il-proċeduri kontra Grech jista' jkun li l-każ ma jkunx b'saħħtu biżżejjed sabiex iwassal għall-kundanna. Dan jista' jkun kollu minnu.

26. Però huwa daqstant ieħor minnu illi l-kumpilazzjoni kontra Grech ma tistax tibqa' wieqfa indefinittivament bit-tama li xi darba jixhdu t-terzi imsemmija wara li f'xi żmien mhux magħruf li wisq probabli jfisser numru ta' snin oħra, ma jkunx hemm aktar proċeduri pendenti kontrihom. Bil-fatt li x-xhieda ta' ko-akkużati jew kompliċi hija inammissibbli sakemm ikun hemm proċeduri kriminali għadhom għaddejjin kontrihom ma jistax jitqies li huwa xi nuqqas la da parti tal-prosekuzzjoni u lanqas da parti tar-rikorrent Grech.

27. In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs. Angelo Zahra** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Ġunju 2019 fejn ingħad li:

> "[...] anke jekk hemm mertu fl-argument tal-Avukat Generali illi x-xhieda li l-Prosekuzzjoni riedet tipproduci kellhom dritt li ma jixhdux u li l-prosekuzzjoni ma tistghax tigi mistennija li tirrinunzja ghal xhud, li skont hi, huwa indispensabbli, huwa inacettabbli meta wiehed jikkunsidra z-zmien li ghaddha s'issa. L-Istat ghandu obbligu li jassikura illi l-gudikanti jaghmlu haqq mal-partijiet fiz-zmien

ragonevoli u li ma jigux lesi d-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tal-istess partijiet.

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti huwa inaccettabbli fi stat ta' dritt illi aktar minn tmintax il-sena wara l-arrest tal-imputat, il-prosekuzzjoni ghada m'ghalqitx il-provi taghha ghaliex qed tistenna li tressaq ix-xhieda, indispensabbili kemm huma indispensabbili."

28. Fis-sentenza **Gordi Felice vs. Avukat Generali** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Novembru 2017 ġie riaffermat:

"47. Jigi ribadit illi din il-lezjoni hija in parti dovuta wkoll ghall-ghazla ossia agir tal-intimat li, meta ddecieda li l-kawza kontra r-rikorrent ma tigix appuntata u ma tigix determinata qabel l-ewwel tigi appuntata u determinata l-kawza kontra William Agius, tawwal ulterjorment il-proceduri kontra r-rikorrent li kienu diga` ilhom pendenti diversi snin quddiem il-Qorti Istruttorja. Din il-Qorti tapprezza li din id-decizjoni tal-intimat, oltre li fiha nnifisa hija legali u ma timpingix fuq il-garanziji tad-dritt ghal smigh xieraq, ittiehdet ghall-ahjar tmexxija tal-prosekuzzjoni u certament mhux "bl-intenzjoni li jtawwal il-proceduri ... inutilment" kif jallega r-rikorrent. Madanakollu, ma tistax ma tosservax illi agir li jirrispetta l-garanziji ta` smigh xieraq fit-termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jibqax konformi mad-dettami ta` smigh xieraq jekk ikollu effett inoltrat li jwassal ghal dewmien mhux ragjonevoli fid-determinazzjoni tal-process gudizzjarju, aktar u aktar dak kriminali, a skapitu tal-akkuzat."

29. Fil-każ odjern il-Qorti m'għandhiex għalfejn tistenna li l-proċeduri jaslu fi tmiemhom sabiex tagħmel l-analiżi tagħha jekk id- dewmien fil-proċeduri kriminali humiex leżivi tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli stante li d-dewmien esaġerat huwa evidenti *ictu oculi.*

**30. Għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba tar- rikorrent.**

31. Wara li l-Qorti rat li l-intimata mhiex qed tikkontesta (a) li hemm proċeduri kriminali kontra Joseph Grech, u (b) li hemm dewmien ikkawżat mill-fatt li l-Prosekuzzjoni qiegħda tistenna l-proċeduri kontra terzi jiġu konklużi (ċ) wkoll wara li qieset li m'huwiex previst meta ser jiġu konklużi l-proċeduri kontra Scott u Sammut, (d) illi hemm probabilita' kbira li l-proċeduri kontra t-terzi ser jieħdu snin twal oħra qabel jiġu konklużi; tasal għall-konklużjoni illi bid-dewmien fil-kumpilazzjoni pendenti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Grech qiegħed jiġi leż id-dritt tal-imputat ir-rikorrent Joseph Grech għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, liema leżjoni ser tibqa' tippersisti sakemm il-prosekuzzjoni tagħlaq il-provi tagħha.

**Rimedju**

32. Fit-tieni talba tiegħu r-rikorrent qiegħed jitlob sabiex din il-Qorti tordna li immedjatament jingħalqu l-provi tal-prosekuzzjoni fil-kumpilazzjoni in kwistjoni. Min-naħa tagħha l-intimata eċċepiet li tali rimedju ma jkunx ġust għaliex skont hi tali ordni ġġib fix-xejn l-obbligu tal-Istat Malti li jiżgura li jitmexxew prosekuzzjonijiet u ssir ġustizzja fuq allegat reat.

33. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-Avukat Ġenerali. Dan għaliex disa' snin li għaddew sa issa fil-proċeduri kontra r-rikorrent kienu aktar minn żmien biżżejjed sabiex l-Istat Malti jwettaq l-obbligu hekk imsemmi mingħajr ma jimpinġi fuq il-jeddijiet fundamentali tar- rikorrent.

34. Ta' rilevanza massima hija s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2021 fir-referenza kostituzzjonali **Il-Pulizija vs. Tarcisju Mifsud** minn appell tal-Avukat Ġenerali wara li l-Ewwel Qorti sabet ksur tal-jedd tal-akkużat fil-kumpilazzjoni pendenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u imponiet terminu ta'

erba’ xhur sabiex il-prosekuzzjoni f’dawk il-proċeduri tagħlaq il-provi tagħha. Qalet hekk il-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward:

“16. Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi fl-istadju li tinsab fih il-kumpilazzjoni, dik il-Qorti m’għandhiex il-poter sabiex tagħlaq il-provi tal-prosekuzzjoni. Għalkemm l-Avukat Ġenerali fil-11 ta’ Novembru, 2015 ħareġ l-artikoli u bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, s’issa ma seħħ l-ebda żvilupp. Dan peress li fl-istess att jingħad li qabel il-Qorti tistaqsi lill-imputat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jinstema’ bil-proċedura sommarja, għandha skont l-Art. 370(3)(f) tal-Kodiċi Kriminali tisma’ lil Alfred Mallia (minn dakinhar ix-xhud miet) u Tancred Tabone. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta wkoll li Tancred Tabone kien deher fis-seduta tas-7 ta’ Diċembru 2015 u għażel li ma jixhedx sabiex ma jinkriminax lilu nnifsu. Kliem li rrepeta fis-seduta tal-5 ta’ Diċembru 2016. L-istess iddikjara Frank Sammut fis-seduta tas-26 ta’ Ġunju 2017.

Fil-prattika għalhekk, jekk din il-Qorti tirrinvija l-atti lill-Qorti referenti b’sempliċi dikjarazzjoni ta’ ksur u ma jkun hemm l-ebda ordni oħra, kif fir-realta` qiegħda titlob li jsir mill-Avukat Ġenerali, dan ikun ifisser:

17.1. Illi r-referenza kostituzzjonali li ilha pendenti tliet snin, u li matulhom il-Qorti riferenti għażlet li tissoprassjedi, mhux ser tindirizza l-ksur b’mod effettiv; u

17.2. Illi sabiex l-appellat jottjeni xi forma ta’ rimedju xieraq għall-ksur sejjer ifisser iktar dewmien bla bżonn għaliex ikollu jipproponu proċeduri oħra sabiex jingħata rimedju effettiv. Dan meta diġa` hemm ġudikat li f’dan il-każ hemm dewmien żejjed fis-smigħ tal-proċeduri;

18. M'għandux ikun li referenza kostituzzjonali tissarraf biss f'eżerċizzju purament akkademiku. Lanqas ma huwa fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja li minħabba raġunijiet purament proċedurali, imputat li diġa` qiegħed isofri leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq jispiċċa jkollu jagħmel proċeduri oħra sabiex jingħata rimedju effettiv għall-ksur tad-drittijiet tiegħu.

19. Għalhekk, f'dan il-każ il-Qorti tqis li hu essenzjali li tingħata ordni li l-ewwel Qorti tista' ssegwi. Wara kollox il-liġi stess tipprovdi li l-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni "għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni", ċioe` d-deċiżjoni li tingħata fir-referenza."

35. F'sitwazzjonijiet bħal dawk in eżami huwa indikat li l-Qorti tevalwa d-drittijiet tal-partijiet kollha involuti u mhux biss tar-rikorrent. Id-dover/jedd tal-Prosekuzzjoni f'soċjetà demokratika li tħaddan is-saltna tad-dritt li f'isem l-Istat Malti tressaq il-provi kollha tagħha in sostenn tal-akkużi minnha miġjuba kontra akkużat m'għandux ħajja awtonoma iżda jrid dejjem jitħaddem b'rispett lejn il-jedd fundamentali tal-akkużat għal smiegħ tal-każ tiegħu fi żmien raġonevoli tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

36. Fi kliem il-Qorti Kostituzzjonali, l-Avukat Ġenerali ma tistax tippretendi illi għandha xi jedd li l-każ kontra Joseph Grech jibqa' pendenti għal żmien indefinit sakemm xi darba jiġu deċiżi b'mod definittiv il-kawżi kontra l-aħħar xhieda tal-Prosekuzzjoni.

37. Jekk ix-xhieda ta' Sammut u Scott hija daqstant importanti għal każ kontra Joseph Grech, allura kien l-oneru tal-istess Prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali li jagħmlu dak kollu possibbli sabiex il-proċeduri penali kontra l-imsemmija terzi jiġu fi tmiemhom fl-iqsar żmien possibbli.  L-ebda prova f'dan ir-rigward ma resqet l-Avukat Ġenerali.

38. Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ il-Qorti tħoss li għandha taddotta l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Analdo Andres Venghaus vs. Avukat Generali** datata 13 ta' Lulju 2020 fejn f'każ simili dik il-Qorti ordnat kif isegwi:

> 'i. Establishing a fixed time limit of thirty (30) days from today for the Attorney General to issue the bill of indictment against the appellant;
> ii. In default to pay the appellant the sum of fifty euro (€50) per diem from the lapse of the thirty (30) days up to the day that the Attorney General issues the bill of indictment, with interest. The compensation liquidated by the first court in favour of the appellant, is also due.'

39. F'dan il-każ il-Qorti ser tagħti ordnijiet simili sabiex taċċerta ruħha li jingħalqu l-provi tal-prosekuzzjoni fil-każ kontra r-rikorrent u l-każ jimxi għall-istadju li jmiss mingħajr aktar delungar.

40. Fit-tielet talba tiegħu r-rikorrent jitlob li din il-Qorti tilliwkida wkoll kumpens xieraq għad-danni mġarrba minnu. Il-Qorti f'dan il-każ, kif ġia stabbilit ilu għaddej provi prosekuzzjoni għal tal-anqas disa' snin, tqis li f'dan il-każ għandu jiġi likwidat kumpens fis-somma ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500).

41. In oltre din il-Qorti apparti li sejra tiddikjara li qiegħed is-seħħ leżjoni tad-dritt fundamentali tal-akkużat, sejra wkoll tagħti ordni sabiex l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni jiġi fi tmiemu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-Avukat Ġenerali.

2. **Tilqa’** l-ewwel talba, tiddikjara illi minħabba t-tul taż-żmien li qegħdin jieħdu l-proċeduri tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grech** pendenti quddiem il-Qorti tal- Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (ref. Nru. 300/2013), peress li wara għaxar snin il-prosekuzzjoni għadha ma għalqitx il-provi tagħha, ir-rikorrent sofra u għadu qiegħed isofri ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli protett bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

3. **Tilqa’** t-tieni talba, tordna sabiex b’effett immedjat jitqiesu magħluqa l-provi tal-prosekuzzjoni fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Grech (nru. 300/2013) pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja;

4. **Tilqa’** t-tielet u r-raba’ talba, tillikwida kumpens ta’ elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) bħala danni morali mġarrba mir-rikorrent minħabba l-leżjoni tal-jedd fundamentali tiegħu kif fuq deċiż u tikkundanna lill-intimata Avukat Ġenerali tħallas l-istess lir-rikorrent.

5. **Tilqa’** l-ħames talba,

(i) tistabilixxi terminu perentorju ta’ tletin (30) ġurnata mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat sabiex l-Avukat Ġenerali toħroġ l-att tal-akkuża jew kontro-ordni/artikoli tal-liġi skont kif jidhrilha l-Avukat Ġenerali fil-konfront tar-rikorrent Joseph Grech;

(ii) fin-nuqqas tordna lill-intimata tħallas lir-rikorrent is-somma ta’ ħamsin ewro (€50) għal kull ġurnata dewmien sakemm effettivament tinħareġ l-att tal-akkuża jew kontro-ordni/artikoli tal-liġi.

**Bl-ispejjeż** kontra l-Avukat Ġenerali.

**Tordna** lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali sabiex wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibgħat kopja tagħha lill-Qorti tal-Maġistrati (Bħala Qorti Istruttorja) li quddiemha hija pendenti l-kumpilazzjoni fl-ismijiet il-Pulizija vs. Joseph Grech ( nru. 300/2013).

**Onor. Robert G. Mangion**

**Imħallef**

27 ta' Settembru, 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**